# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.3

**Kap 5: Twieled ghalina**

**Lezzjoni:** 5.3 Sliem għalik Marija

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jiskopru kemm hi kbira l-Madonna.
2. Isiru midħla mal-istorja tat-Tħabbira mill-Anġlu Gabrijel.
3. Jagħrfu li bħal Marija aħna wkoll irridu nħejju għall-miġja ta' Ġesù Bambin.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



1. Ritratt tat-tfal li ġabu magħhom mid-dar.
2. Flashcard bil- kelma **Ġesù.**
3. Preżentazzjoni għall-IWB **Sliem għalik Marija** b'rappreżentażżjonijiet artistiċi tal-Lunzjata.
4. Link minn Youtube meħud mill-film animat *A King is born.*

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

Ġurnata qabel ma tagħmel il-lezzjoni, ibgħat nota d-dar li tgħid lill-ġenituri li fil-klassi ser tagħmlu *Show and tell* fuq l-ismijiet. Għalhekk il-ġenituri huma mitluba biex jirrakkuntaw lil uliedhom kif għażlulhom isimhom (jisimhom għal xi nanniet, għal xi qaddis, kantant jew plejer tal-futbol, għaliex mhux komuni).

1. Ħalli lit-tfal jgħidu, wara min imisshom, dak li jkunu qalulhom il-ġenituri. Huwa taħriġ tajjeb għall-memorja, għall-istima tagħhom infushom u għat-taħdit. Meta kulħadd kellu ċans jirrakkonta tiegħu, urihom il-flashcard bil-kelma Ġesù u staqsihom jekk għadhomx jiftakruha.

2. Staqsi lit-tfal jekk jafux kif Marija għażlet li ssemmih Ġesù.



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Irrakkonta bil-għajnuna ta' Bibbja għat-tfal jew stampi fuq l-IWB l-istorja tat-Tħabbira tal-Anġlu. Il-punti importanti li jridu joħorġu mill-istorja huma:
  - Marija kienet miżżewġa lil Ġużeppi imma kienu għadhom ma marrux joqogħdu flimkien. Dak iż-żmien, il-mara u r-raġel miżżewġin kienu jdumu sena ma jmorru jgħixu flimkien.
  - Kienet qiegħda d-dar waħedha, meta ġie l-Arkanġlu Gabrijel.
  - Qalilha *"Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek."* Staqsihom jekk jafux dawn il-kliem. Urihom li l-ewwel ftit kliem tas-Sliema huwa dak li qal l-Arkanġlu Gabrijel.
  - Qalilha wkoll li ser ikollha tarbija u li ser issemmih Ġesù. Ġesù jkun importanti ħafna.

- Marija tgħidlu li ma jistax ikun għax hi u Ġużeppi kienu għadhom ma marrux joqogħdu flimkien.
    - Gabrijel jgħidilha li *"għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."*
    - Marija qaltlu "Ara, jiena l–qaddejja tal–Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek!"
- Erġa' fakkarhom fuq isem Ġesù. Staqsihom kif, mill-istorja, jaħsbu li Marija għażlet li issemmi lit-tarbija Ġesù.
- Fakkar lit-tfal, li Marija, bħal ommna u missierna, wkoll lestiet isem għat-tarbija tagħha. Imma l-isem Ġesù kien għażlu Alla stess. X'ilestu iżjed il-ġenituri meta jkun ħa jkollhom baby? (It-tfal, l-aktar dawk li kellhom l-esperjenza ta' wild ġdid fil-familja, isemmu bla diffikultà bżonnijiet għal tarbija tat-twelid)
- Għidilhom li dalwaqt infakkru it-twelid ta' Ġesù. Għandna għalfejn inlestu dawn l-affarijiet? Mela kif nistgħu nippreparaw għat-twelid ta' Ġesù? (Tista tuża IWB presentation **Sliem għalik Marija**)
    - Inżejnu d-dar
    - Nippreparaw ikel tajjeb
    - Nixtru rigali
    - Immorru parties



- Mhux biss imma rridu wkoll
    - Immorru l-mużew jew id-duttrina biex nitgħallmu iżjed
    - Immorru l-knisja għall-quddiesa
    - Nieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Bambin.
- Biex nagħlqu l-lezzjoni nkantaw **Ninni la Tibkix iżjed.**

## Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)

1. Alla għażel lil Marija biex issir omm Ġesù. Alla għażel l-isem tat-tarbija.
2. Kien Alla li għażel l-isem għat-tarbija Ġesù
3. Inħejju tajjeb għall-Milied mhux bir-rigali u t-tiżjin biss iżda billi nieħdu sehem fil-quddies, fil-purċissjoni u nattendu l-M.U.S.E.U.M.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




Meta ngħidu 'iva' għall-affarijiet tajbin inkunu, bħal Madonna, qed inħobbu aktar u nsiru aktar bilgħaqal. Naħdmu biex ngħidu 'iva' fit-tajjeb u le fil-ħażin.

## Niċċelebraw flimkien (Youtube link)



- It-tfal isegwu l-ġrajja tat-tħabbira tal-anġlu permezz ta' dan il-link. Peress li l-istorja hija bl-ingliż tista' tispjega x'inhu jiġri bil-Malti. Jekk it-tfal għandhom livell ta' fehem moderat jew tajjeb ħalli t-tfal isegwu mingħajr kummenti.

  http://www.youtube.com/watch?v=hwzSdCxfXsg

**Nitolbu**



Ngħidu flimkien **Is-Sliema** u nispjegaw il-kliem b'mod li t-tfal jistgħu jifhmuh.

| | |
|---|---|
| **Sliema għalik, Marija,<br>bil-grazzja mimlija,<br>il-Mulej miegħek,** | *Din hi l-parti li l-Arkanġlu Gabrijel qal lil Marija. Gabrijel qed jgħid 'ħelow' lil Marija u qed jgħidilha li bagħtu Alla l-Imbierek.* |
| **imbierka int fost in-nisa,<br>u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù** | *Din l-parti qalitha Eliżabetta, li kienet tiġi minn Marija. Eliżabetta qegħda tgħidilha kemm hi xortiha tajba li ser issir il-mamà ta' Ġesù u qegħda tbierek lil Ġesù li għadu ma twilidx u għadu ġo żaqq Marija.* |